MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 690/2014

**Melita plc (C12715)**

**vs**

**Malta Information Technology Agency;**

**Il-Ministru ghall-Ekonomija, Investiment, u Intraprizi; u**

**L-Avukat Generali, ghal kull interess li jista' jkollhom**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Melita plc li, ghar-ragunijiet fih premessi illi:

Malta Information Technology Agency (MITA) hi l-agenzija inkarigata bit-teknologija tal-informatika u l-komunikazzjoni tal-Gvern ta' Malta; ghalhekk kull akkwist li taghmel il-MITA, jew f'isimha jew f'isem il-Gvern, irid isir b'mod li hu konformi jew mar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici (L.S. 174.04) jew, f'kazijiet fejn dawn ma japplikawx b'mod specifiku (bhal f'dan il-kaz), mal-principji applikabbli f'dan il-qasam kif stabbiliti fi jew taht it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat).

Fit-28 ta' Frar 2014 MITA ippublikat *Invitation to Tender* imsejjah *Next Generation WAN connectivity for Government*, b'numru ta' referenza T008/14 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok M1)(ITT).

B'ittra datata l-11 t'April 2014 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok M2), Melita avzat lil MITA li l-ITT ma kienx konformi mat-Trattat billi kien jikser il-principji ta' non-diskriminazzjoni u trattament ugwali, u l-principju tat-trasperenza, jew liema minnhom.

Fl-imsemmija ittra Melita spejgat b'mod dettaljat kif l-ITT jikser il-principji ta' non-diskriminazzjoni u trattament ugwali taht it-Trattat billi, kif inhareg, l-ITT jiffavorixxi lil GO plc; spjegat

ukoll kif inkiser il-principju tat-trasperenza minhabba li l-process ma fihx procedura ta' revizjoni effettiva.

B'ittra datata s-17 ta' April 2014 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok M3), Melita attirat ukoll l-attenzjoni tal-MITA illi l-prezz offrut mill-GO plc fir-rigward tal-ITT jikser l-obbligi regolatorji tal-GO plc kif johorgu mid-decizjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni maghrufa bhala *Pricing of Leased Lines and Ethernet Connections* (Doc No MCA/D/13-1612 annessa u mmarkata bhala Dok M4) (liema decizjoni kienet mehuda tenut kont tal-fatt li l-istess Awtorità kienet sabet li GO plc kellha *significant market power* fis-suq ghal *leased lines* (Doc No MCA/D/12-1441).

B'ittra datata t-28 ta' April 2014 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok M5), MITA fissret li kienet tal-fehma li l-ittra tal-Melita tal-11 t'April 2014 kienet bla bazi; filwaqt li stqarret li kienet talbet il-veduta tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni dwar l-ittra tas-17 t'April 2014. F'korrispondenza sussegwenti (ara ittri tat-12 u l-14 ta' Mejju 2014, kopji hawn annessi u mmarkati Dok M6 u Dok M7 rispettivament) il-posizzjoni tal-partijiet baqghet sostanzjalment l-istess.

Minkejja s-sottomissjonijiet tal-Melita dwar in-nuqqasijiet fil-process, minkejja li MITA giet mgharrfa li l-offerta tal-GO plc kienet tikser l-obbligi regolatorji taghha u minkejja li l-istess MITA kienet stqarret li kienet talbet lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni ghal posizzjoni taghha dwar il-kwistjoni tal-obbligi tal-GO plc (u ghalhekk, wiehed jifhem, kienet ser tirregola ruhha wara li tircievi risposta), MITA harget avviz fid-9

ta’ Gunju 2014 li permezz tieghu fissret li l-kuntratt relattiv ghall-ITT kien ser jinghata lil GO plc.

B’ittra tad-19 ta’ Gunju 2014 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok M8), Melita regghet kitbet lil MITA fejn: (i) osservat li minkejja li MITA kienet qed tistenna informazzjoni minghand l-Awtorità ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni, xorta wahda avzat li kienet ser taghti l-kuntratt lil GO plc; (ii) avzat li Melita kienet ressqet ilment formali mal-Awtorità ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni; u, (iii) fic-cirkostanzi il-Melita ma kellhiex triq ohra hlief li tibda proceduri legali. Melita ma rceviet l-ebda risposta ghal din l-ahhar ittra taghha.

Fis-17 ta’ Lulju 2014, is-socjetà Melita ghaddiet sabiex intavolat il-protest anness u mmarkat Dok M9, kontra l-konvenuti fil-proceduri odjerni, filwaqt li l-Avukat Generali u l-Ministru ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi rrispondew bil-kontro-protest anness u mmarkat Dok M10.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-ITT ma kienx konformi mat-Trattat u ma jistax jinghata lil GO plc ghaliex jikser il-principji ta’ non-diskriminazzjoni u t-trattament ugwali, u l-principju tat-trasparenza, jew liema minnhom; u/jew,

2. Tididkjara li l-kuntratt ikkontemplat fl-ITT ma jistax jinghata lil GO plc in kwantu, kif indikat fil-premessi huwa milqut minn illegalità, jew, jekk gja nghata, li l-kuntratt ma jiswiex u huwa null u bla effett bejn il-partijiet in kwantu huwa milqut mill-imsemmija illegalità.

B'riserva ta' kull dritt, rimedju, u azzjoni legali, li s-socjetà Melita ghandha jew jista' jkollha kontra l-intimati jew min minnhom, inkluza azzjoni ghad-danni.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Malta Information Technology Agency:

Preliminarjament, l-agenzija esponenti teccepixxi n-nuqqas ta' integrità tal-gudizzju in kwantu s-socjetà l-ohra imsemmija mis-socjetà rikorrenti, ma gietx inkluza bhala parti f'dawn il-proceduri minkejja li palezament ghandha interess fl-istess.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu t-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-sejha ghall-offerti (T008/14) intitolata *Next Generation WAN Connectivity ghall-Gvern ta' Malta* nharget mill-agenzija esponenti korrettament u skond il-ligi kif ser jintwera fid-dettal fil-mori tal-kawza.

Ghalhekk il-kuntratt li ghandu jsegwi s-sejha de quo, meta jinghata, jkun validu ghall-finijiet u efetti kollha tal-ligi u t-tieni talba tas-socjetà rikorrenti hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta guramentata tal-Ministru ta' l-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar u tal-Avukat Generali:

1. Illi *in limine litis* din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-kompetenza bil-liġi li tistħarreġ is-siwi tal-kontenut ta' sejħa għall-offerti u lanqas li tistħarreġ il-mod ta' kif ġiet ipproċessata u aġġudikata sejħa għall-offerti. Skont ir-**Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04)** ilmenti ta' din il-bixra għandhom jiġu investigati l-ewwel mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u f'każ ta' appell, mill-Qorti tal-Appell fis-sede superjuri tagħha;

2. Illi f'kull każ, l-esponenti qegħdin jistiednu lill-kumpannija rikorrenti sabiex tindika liema huwa dak l-artikolu speċifiku tal-liġi li jagħtihom id-dritt li jmorru direttament quddiem din l-Onorabbli Qorti u b'hekk ma jimxux mar-**Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi**. F'dan ir-rigward, l-esponenti qegħdin jirriżervaw id-dritt tagħhom li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri wara li l-kumpannija rikorrenti tindika s-sors legali li fil-fehma tagħha jagħti kompetenza oriġinali lil din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk il-kumpannija rikorrenti kellha xi tħassib jew ilment dwar il-mod kif tfasslu r-rekwiżiti u d-dettalji tas-sejħa għall-offerti inkwistjoni jew kellha xi suspett li l-kondizzjonijiet ġew miktuba biex jiffavorixxu operatur ekonomiku fuq ieħor, kif jidher li huwa l-ilment tal-kumpannija rikorrenti hawnhekk, allura hija setgħet faċilment fittxet għal rimedju quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi kif provdut taħt ir-**regolament 85 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi**;

   Tabilħaqq skont ir-**regolament 85(2)(b)**, fost għadd ta' setgħat oħra, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntrati Pubbliċi għandu s-setgħa li jneħħi speċifikazzjonijiet diskriminatorji ta' xorta teknika, ekonomika jew finanzjarja meta tkun

saret stedina biex jintefgħu offerti. Għalhekk id-dikjarazzjoni ġudizzjarja u r-rimedju li issa l-kumpannija rikorrenti qed titlob minn din l-Onorabbli Qorti hija setgħet mill-ewwel talbitu lill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi;

4. Illi hekk ukoll jekk il-kumpannija riedet tattakka l-aġġudikazzjoni nnifisha tal-kuntratt favur GO p.l.c. minħabba preżunt illegalità, hija kellha kull opportunità li tressaq ilment quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi skont ir-**regolament 85 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi;**

5. Illi dejjem bla ħsara għall-premess, sadanittant is-sejħa pubblika T008/14 li qed tiġi kkontestata mill-kumpannija rikorrenti ma ġietx amministrata u mmexxija la mill-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi u wisq anqas mill-Avukat Ġenerali;

Tassew fil-***proviso*** **tar-regolament 37** misjub fit-**Taqsima V** tar-**Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04)** insibu miktub li, **"***kuntratti pubbliċi li jkunu meħtieġa minn dawk l-awtoritajiet kontraenti elenkati* ***fl-Iskeda 3*** *għandhom ikunu maħruġa, jiġu amministrati u stabbiliti mill-awtoritajiet kontraenti hemm elenkati bla ħsara għad-dispożizzjonijiet stipulati f'dawn ir-regolamenti*";

Appuntu f'dan il-każ, il-Malta Information Technology Agency hija fost dawk l-entitajiet li jinsabu mniżżla taħt l-**Iskeda 3 tar-Regolamenti**. Ifisser b'hekk li dan il-kuntratt pubbliku inkwistjoni huwa wieħed li kellu jkun amministrat u mmexxi unikament mill-Malta Information Technology Agency u dan mingħajr l-involviment u s-

sehem ta’ ħadd inkluż dak tal-Ministru mħarrek u tal-Avukat Ġenerali. Ifisser allura li l-Ministru intimat u l-Avukat Ġenerali ma jistgħux jtiqiesu responsabbli għall-mod kif ġiet ipproċessata u aġġudikata din is-sejħa;

Hekk ukoll fil-parametri tal-**artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** ladarba l-ilment huwa indirizzat kontra l-għemejjel tal-Malta Information Technology Agency allura kien biżżejjed li l-kawża tiġi diretta kontra din l-Aġenzija mingħajr l-inklużjoni ta’ ebda entità governattiva oħra;

6. Illi fuq il-pern tal-ilment tal-kumpannija rikorrenti, jiġifieri li l-kundizzjonijiet tas-sejħa kienu diskriminatorji u maħsuba biex jagħtu vantaġġ indebitu lil GO p.l.c., l-esponenti jirrilevaw fuq dak allegat mill-kumpannija rikorrenti f’dan ir-rigward, li huma ma kinux involuti fil-kitba tas-sejħa inkwistjoni u ma jafu xejn fuq il-fatti li wasslu għall-ħruġ ta’ din is-sejħa pubblika;

7. Illi fl-aħħarnett ladarba l-kumpannija rikorrenti qed titlob fit-tieni talba tagħha biex il-kuntratt pubbliku mertu tas-sejħa pubblika inkwistjoni ma jingħatax lil Go plc allura huwa xieraq li din il-kumpannija tiġi msejħa f’dawn il-proċeduri u dan minħabba li l-eżitu ta’ dawn il-proċedduri jista’ jkollha effetti fuq id-drittijiet u/jew aspettativi leġittimi tagħha;

8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-kumpannija rikorrenti inġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 2015 fejn l-Avukat Generali irtira l-ewwel erba' eccezzjonijiet tieghu u tal-Ministru Intimat.

Ikkunsidrat illi permezz tal-eccezzjoni Numru 7, kif imressqa ukoll mill-intimata MITA, il-Qorti giet mitluba ssejjah fil-kawza lis-socjetà GO plc. Ghal din it-talba giet registrata opposizzjoni minn Melita plc.

In succint, din il-kawza tirrigwarda ilment ta' Melita plc rigward "Invitation to Tender" ippubblikat minn MITA li skond l-istess Melita plc jikser il-principji ta' trattament ugwali that it-Trattat ghall-Funzjonament ugwali tal-Unjoni Ewropea. Melita ssostni inoltre illi b'avviz tad-9 ta' Gunju 2014 MITA fissret li l-kuntratt relattiv ghall-ITT kien ser jinghata lil GO plc.

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza Direttur Generali tax-Xogholijiet vs San Lucjan Oil Company Limited (12 ta' April 2007) kellha hekk xi tghid fir-rigward tal-istitut tas-sejha fil-kawza:

> *"Bhala regola, skond kif profess b' bosta sentenzi, il-kjamata in kawza tinghata jekk tkun indispensabbli ghall-intergrità tal-gudizzju (**Kollez. Vol. XXXII P II p 151**), salv il-principju li ma jigix sostitwit konvenut li ma kienx illegittimu kontradditur ("**Vincenzina Cassar et -vs- Anthony Vella**", Appell Inferjuri, 26 ta' April 1971) jew, f'certi kazijiet (ad exemplum, kwestjoni ta' servitu) kien messu gie citat ab initio ("**Paul Vella -vs- Albert Spiteri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Marzu 1983). Din, pero', ma tidhirx li hi l-unika bazi ghall-kjamata fil-kawza.*

*Hemm ukoll dik tal-kommunanza tal-liti dipendenti mill-interess. Ara* ***Kollez. Vol. XLVIII P II p 894****;*

*Ir-rekwizit tal-kommunanza jikkonkreta ruhu fil-fatt illi r-rapport dedott in kawza hu konness, taht il-profil tal-causa petendi u tal-petitum, konguntement jew alternattivament ikkonsidrat, mar-rapport ko-involgenti lit-terz li hu intiz li jigi kjamat, jew, ukoll, ma' l-ezistenza ta' l-interess ta' partecipazzjoni mit-terz fil-kontradittorju processwali dirett ghall-formazzjoni ta' l-accertament gudizzjali bejn il-partijiet originarji. Fi kliem iehor, l-intervent koatt jissussisti meta r-rapport dedott fil-gudizzju jkun jidher soggettivament u oggettivament konness ma' dak koinvolgenti lit-terz."*

Il-Qorti f'dik il-kawza irreferiet ukoll ghas-segwenti bran mis-sentenza Stepton vs Spiteri (23 ta' Novembru 1898):

*"se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo, nell'esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte*".

Il-Qorti fil-fuq citata sentenza tat-12 ta' April 2007 imbaghad kompliet:

*"Tajjeb li jigi mfakkar ukoll, b'parafrasi tat-taghlim siewi fil-precitata sentenza "****Stepton -vs- Spiteri****" illi l-interess tal-kjamat mhux necessarjament fis-sens li hu jkun*

> *ikkundannat jew liberat, imma wkoll fis-sens li hu jkun jista’ jsostni r-ragunijiet ta’ l-attur jew tal-konvenut, jew tieghu stess, differenti mit-tnejn, jew ghall-wiehed jew l-iehor, u jipprovoka decizjoni, fil-limiti ta’ l-azzjoni li tistabilixxi certi fatti u certi drittijiet, favorevoli jew kuntrarji ghalih, bla ma jkun liberat jew kundannat.”*

Fid-dawl tal-insenjament suespost, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-interess ta’ GO plc fil-vertenza jimmerita s-sejha taghha f’dawn il-proceduri, fejn negozju li fih hija partecipi l-istess GO plc qieghed jigi allegat li huwa milqut minn illegalità. Infatti qeghda tintalab ukoll dikjarazzjoni ta’ nullità ta’ kuntratt li seta’ gie finalizzat minnha.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ Malta Information Technology Agency u tal-Ministru ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi u l-Avukat Generali u ssejjah fil-kawza lil GO plc.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------